# IL-FRUGĦA TA' ĦAJJA MINGĦAJR ALLA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' Kohelet**
**Qoh 1, 2; 2, 21-23**

O frugħa tal-frugħat - igħid Kohelet - u frugħa tal-frugħat! Kollox hu frugħa! Għax hemm min jaħdem bil-għerf u l-għaqal u s-sengħa, u mbagħad iħalli dan ix-xogħol bħala sehem lil min f'dak ix-xogħol ma jkun għamel xejn. Dan ukoll hu frugħa u deni kbir.
Għax x'jista' jħassel għalih innifsu l-bniedem bil-ħidma kollha tiegħu u minkejja l-ħrara ta' qalb li biha jkun ħadem taħt il-kappa tax-xemx? Jiemu kollha mgħakksin, u t-tħabrik tiegħu kollu tbaqbiq; anqas bil-lejl ma jkollu qalbu f'sikkitha. U dan ukoll hu frugħa!

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Iroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 94**
**Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom.**

Ejjew, ħa nfaħħru bil-hena l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nidhru quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajjat ta' ferħ.

**R/. Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom.**

Ejjew inqimuh mixħutin fl-art,
għarrkobbtejna quddiem Alla li ħalaqna,
għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-ngħaġ tiegħu.

**R/. Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom.**

Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meribah,
bħal dak in-nhar f'Massah, fid-deżert,
meta ġarrbuni missirijietkom,
ippruvawni, għalkemm għemili raw.''

**R/. Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin.**
**Kol 3, 1-4, 9-10**

Ħuti: Jekk intom irxoxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla. Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, nhux f'dawk ta' l-art., Għax intom

mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla. Meta jidher Kristu, li hu l-ħajja tagħkom, imbagħad intom ukoll tidhru flimkien miegħu fis-sebħ.
Mewtu ġo fikom dak kollu li hu ta' l-art, żina, faħx, ġibdiet, xewqat ħżiena, u l-idolatrija tar-regħba. Tigdbux lil xulxin, intom li nżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemil kollu tiegħu, u lbistu l-bniedem il-ġdid, li jiġġedded dejjem skond ix-xbieha ta' dak li ħalqu, u jikber fil-għerf. Fih m'hemmx Grieg jew Lhudi, ċirkonċiż jew mhux, Barbaru jew Xita, ilsir jew ħieles, iżda hemm Kristu, li hu kollox u f'kulħadd.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja;
inti għandek il-kliem tal-ħajja tad-dejjem.
**Hallelujah**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 12, 13-21**

F'dak iż-żmien: Xi ħadd mill-folla qal lil Ġesu: "Mgħallem, għid 'il ħija jaqsam miegħi l-wirt.'' "Ħabib'', wieġbu Ġesu', "min qiegħedni mħallef fuqkom, jew min qabbadni nqassmilkom il-ġid bejnietkom?''
Imbagħad qal lin-nies: "Iftħu għajnejkom u ħarsu rwieħkom minn kull regħba, għax imqar jekk wieħed ikollu bir-radam, ġidu mhux se jserraħlu rasu minn ħajtu.''
U qalilhom parabbola: "Wieħed raġel għani ġabar kotra ta' frott mir-raba' tiegħu. U beda jaħseb u jgħid bejnu u bejn ruħu, 'X'se nagħmel? Għax dal-frott kollu ma għandix fejn naħżnu. Ara x'nagħmel,' qal: 'inħott l-imħażen li għandi u nibni oħrajn akbar, u naħżen fihom il-qamħ u l-ġid kollu. Imbagħad ngħid lili nnifsi: Ruħi għandek ħażna kbira ta' ġid għal bosta snin; mela strieħ, kul u ixrob, ixxala!''
Iżda qallu Alla, 'Iblah li int! Dal-lejl stess se jerġgħu jiguk għal ruħek. U l-ħwejjeġ li ħejjejt għalik ta' min ikunu? Hekk jiġrilu min jiġma' l-ġid għalih innifsu bla ma jistagħna quddiem Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**